MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Numru 543/2002

**Artikoli 214, 216, 218, 338(d) u 338(mm)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**ANDY SIVE ANDRE ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANDY sive ANDRE ZAMMIT** ta' sitta w ghoxrin sena bin Joseph u Rosanna nee Callus, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Lulju 1975 u residenti Flat 2, Block C, Triq Bertha K. llg. San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 372375M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar s-sitta ta' Lulju 2002, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl fi Triq Santu Wistin, San Giljan:

1. Talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqoghed l-hajja fil-perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Charmaine Sammut;

2. Talli voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

3. Talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali datati erbatax ta' Novembru 2002 esebiti fl-atti a fol 51.

Semghet lil imputat jiddikjara, kif registrat fil-verbal tas-seduta tal-erbatax ta' Frar 2003, li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn ta' Gunju 2003.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charmaine Sammut.

Illi dwar in-natura tal-feriti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni u dan ghaliex xehed l-espert nominat mill-Qorti Doctor Dino Vella Briffa nhar l-hdax ta' Ottubru 2002 fejn iddeskriva l-ferita li kellha Charmaine Sammut bhala wahda mimduda, twila daqs centimetru u nofs, kemm xejn skura w imhaffra. Hija kellha hames punti u fil-fehma tieghu tikkostitwixxi sfregju fil-wicc u konsegwentement hija ta' natura gravi skond l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-fatt pero li kien l-imputat li kkawza din il-ferita, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ma jaqblux u ghalhekk din il-Qorti

ghandha taghmel apprezzament tax-xhieda li xhedu f'dawn il-proceduri u dan skond l-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatti jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fattizi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha.

Din il-Qorti hija ferm vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija tkun ghexet l-process tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kienx mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif allegat mid-Difiza li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker** li:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge, may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge, may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi huwa veru wkoll dak li allegat id-Difiza li sabiex persuna tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju dan li ma jhalliex lil gudikant jkollu dik il-konvinzjoni morali dwar r-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata. Dubbju li minhabba fih, min ghandu jiddecidi ma jistax jiddeciedi la naha u lanqas ohra.

Il-Qorti ghalhekk taqbel ma dak li gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Lulju 1998*** fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Zampa et** li l-akkuzat bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista jasal sal-grad tal-probabbli.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Lulju 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi**, fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Allegazzjonijiet ta' x'setgha gara probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu l-ebda prova valida.

Hawnhekk il-Qorti taghmel wkoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Mejju 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Geraldu Muscat**, dwar jekk akkuzat jew imputat jaghzel li jipprova xi haga, huwa bizzejjed li jippruvha sal-grad tal-probabbilita sabiex jirnexxi, u cioe sabiex ikun jista jinghad li hekk dak d-dubbju dettat mir-raguni li ma jhallix lil gudikant jasal ghal konvinciment morali tieghu, izda dan ma jfissirx li kull ma jghid akkuzat jew imputat, anke jekk minn fuq il-pedana tax-xhieda, huwa necessarjament probabbli li johloq dubbju ragjonevoli fil-kaz tal-Prosekuzzjoni. Il-provi jridu dejjem jigu ezaminat fl-assjem taghhom.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn: jew li l-imputat mhux hati tad-delitt imputat lilu u b'hekk trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li hemm fil-konfront tieghu speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettix jew alternattivament li l-imputat huwa hati tar-reati kif addebitati lilu.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi, fic-cirkostanzi, biex taghmel analizi tax-xhieda li tat l-allegata vittma fid-dawl tas-suespost u cioe jekk ix-xhieda taghha ghandhiex mis-

sewwa u jekk hiex korroborata minn fatti ohra li jorbtu lil imputat mal-allegat reat.

Nhar l-hdax ta' Lulju 2002 **xehed l-Ispettur Martin Sammut** fejn spjiega li nhar d-disgha ta' Lulju 2002 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu gie nfurmat li Charmaine Sammut kienet irrappurtat l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan li kienet involuta f'incident fis-sitta ta' Lulju 2002 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu meta kienet fil-kumpanija ta' Andy Zammit f'Paceville. Qal li Charmaine Sammut allegatament qalghet daqqa ta' ponn f'wiccha u spiccat l-Polyclinic ta' Rahal Gdid fejn inghatat certifikat mediku dwar l-hames punti li sarulha [vide dokument MS 1 a fol 18 tal-atti odjerni].

Huwa baghat ghaliha u spjiegatlu li hija kellha argument ma Andy Zammit u ghal xejn b'xejn taha daqqa ta' ponn. Presenti ghal dan l-incident stqarret li kien hemm certu Marco Cutajar.

**PS 1492 Joseph Pace xehed** li huwa kien l-Ufficjal tal-Pulizija li ha l-okkorrenza relattiva esibita fl-atti markata bhala dokument MS 2. Dan ix-xhud spjiega li Charmaine Sammut qaltlu li l-gharus taghha l-imputat, taha daqqa ta' ponn waqt li kienu fi Triq Santu Wistin f'San Giljan.

**Charmaine Sammut xehdet** nhar l-hdax ta' Lulju 2002 fejn spjiegat li waqt li kienet fil-karozza, l-gharus taghha l-imputat ta' diversi daqqiet ta' ponn wara li kien kaxkarha minn xagharha lejn l-istess karozza. Aktar tard pero din Charmaine Sammut tat versjoni ohra ta' fejn giet kkawzata l-ferita u cioe fil-vettura fit-triq waqt li l-imputat kien qed jwasslaha d-dar.

Illi ghalhekk il-Qorti ghandha tlett versjonijiet, ilkoll allegatament moghtija mill-vittma, u cioe dik moghtija lil Ispettur li qaltlu li qalghet d-daqqa ghal xejn b'xejn, kiesah u biered, hdejn il-mina tas-Swieqi, dik spjiegata minnha viva voce l-Qorti nhar l-hdax ta' Lulju 2002 u cioe li l-imputat sawwatha diversi drabi fil-karozza li kienet ipparkjata f'ghalqa ma genb il-mina tas-Swieqi wara li kien kaxkarha bi glied u t-tielet wahda u cioe dik esposta

minnha fil-kontro ezami fejn tghid li sawwatha fil-karozza fit-triq waqt li kien qed jwassalha lura biex rigbet l-vettura taghha. Hawnhekk wkoll tghid li qalghet daqqa wahda biss.

**Ix-xhieda Marco u Joanne Cutajar** t-tnejn jghidu li Charmaine Sammut u l-imputat kienu qed jilletikaw pero fl-ebda hin waqt li kienu fil-kumpanija taghhom ma raw lil imputat jolqot lil Charmaine Sammut.

**L-imputat invece cahad** dak kollu li gie allegat fil-konfront tieghu u cioe li ta xi daqqiet ta' ponn u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita fl-atti a fol 16 markata bhala dokument MS, ghalkemm kkonferma li kellu xi jghid maghha, kif del resto kkonfermaw l-konjugi Cutajar.

Illi l-imputat kien konsistenti kemm meta baghat ghalih l-Ispettur u kellmu b'mod verbali, kemm meta rrilaxxja l-istqarrija kif wkoll meta xehed viva voce l-Qorti, dejjem zamm l-istess versjoni u cioe li kellu xi jghid maghha pero qatt ma sawwatha. Huwa jghid li ma marx maghha fil-vettura izda mar Paceville ma Marco. Huwa jispjiega li Charmaine telqitu hdejn il-mina tas-Swieqi u ma jaf xejn aktar dwar il-passi taghha dakinhar.

Illi l-Qorti thoss li l-versjoni ta' fatti kif moghtija mill-imputat hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi u bla dubbju aktar konsistenti u hija korroborata minn terzi persuni filwaqt li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-allegata vittma hija nkonsistenti ghall-ahhar u zgur tikkreja dubbju ragonevoli f'mohh il-gudikant dwar jekk kienx l-imputat li kkawza l-ferita li ssubiet Charmaine Sammut.

**Il-Qorti ghalhekk rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(dd), 338(mm), 214, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssbix lil imputat ANDY sive ANDRE ZAMMIT hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u tilliberah minnhom.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**